MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 152/2007

**Marvin Fenech**

**Vs**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Marvin Fenech ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' liema jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara il-pretensjoni ghall-hlas tas-somma ta' elf erba' mija u ghaxar Liri Maltin (Lm1,410) [illum ekwivalenti ghal €3,284.42] avvanzata fil-konfront tieghu mit-Tabib Principali tal-Gvern permezz ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' April 2007, bhala wahda nfondata stante li l-ammont mitlub huwa ghal kollox ezorbitanti fid-dawl tal-kura u servigi moghtija lil Elena Guseva fl-Isptar San Luqa bejn id-19 ta' Mejju 2005 u t-23 ta' Mejju 2005;

Rat ir-Risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-rikorrent stante li: (i) ir-rikorrent iffirma dikjarazzjoni li se jaghmel tajjeb ghas-servigi u trattament li inghata lil Elena Guseva fl-Isptar San Luqa bejn id-19 ta' Mejju 2005 u t-23 ta' Mejju 2005; u li (ii) kuntrarju ghal dak allegat, l-ammont pretiz huwa gust u dovut. Fid-dawl ta' dawn ir-ragunijiet l-intimat jitlob li filwaqt li tigi michuda t-talba tar-rikorrent, jigi dikjarat li l-istess rikorrent huwa debitur tieghu u tordna l-hlas tas-somma ta' Lm1,410 [illum ekwivalenti ghal €3,284.42], bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali;

Semghet ix-xhieda moghtija minn Marvin Fenech waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2008[1] u rat id-dokumenti esebiti minnu w immarkati bhala Dok. "MF1", Dok. "MF2", Dok. "MF3" u Dok. "MF4"[2], ix-xhieda moghtija minn Elena Fenech, già Elena Guseva, waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2008[3] u d-dokument esebit minnha u mmarkat bhala Dok. "EF1"[4]. Rat l-affidavit ta' Mariette Galea Ebejer esebit a fol. 27 tal-process u d-dokumenti esebiti mill-intimat u markati bhala Dok. 1, 2 u 4 a fol. 26, 28 sa' 51 tal-process. Semghet ix-xhieda in kontro-ezami ta' Mariette Galea Ebejer waqt is-seduti tat-18 ta' Jannar 2010[5] u tat-8 ta' Frar 2010[6];

Rat l-atti kollha tal-kawza u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrent u n-Nota Responsiva ta' l-intimat.

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-rikorrent qed jopponi ghat-talba ta' l-intimat ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,410, illum ekwivalenti ghal €3,284.42, rapprezentanti valur tal-kura u servigi moghtija lil Elena Guseva fl-Isptar San Luqa bejn id-19 ta' Mejju 2005 u t-23 ta' Mejju 2005.

---

1 Fol. 12 sa' 14 tal-process.
2 Fol. 15 sa' 20 tal-process.
3 Fol. 21 sa' 22 tal-process.
4 Fol. 23 tal-process.
5 Fol. 60 sa' 61 tal-process.
6 Fol. 63 sa' 64 tal-process.

L-intimat avvanza l-pretensjoni ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,410 fil-konfront tar-rikorrent permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fis-26 ta' April 2007, a tenur ta' l-Artikolu 466(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrent min-naha tieghu, jopponi ghal din it-talba permezz tal-procedura odjerna istitwita a tenur ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz ta' din il-procedura r-rikorrent ghandu jgib quddiem din il-Qorti ir-ragunijiet, debitament gustifikati w ippruvati, ghalfejn it-talba ghall-hlas ta' l-intimat ghandha tigi dikjarata nfondata.

Il-kreditu pretiz mill-intimat jirrizulta mir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Drittijiet ghal Kura tas-Sahha, Avviz Legali 201 ta' l-2004, fejn hemm stipulati r-rati li ghandhom jigu applikati f'kaz ta' kura u servigi medici prestati lil persuni milquta bl-effetti ta' dawn ir-Regolamenti.

Ghal kull buon fini jigi rilevat li l-Qorti hi fid-dover li tiehu in konsiderazzjoni dak provdut fl-imsemmi Avviz Legali anke jekk ma saritx referenza ghalih fir-Risposta ta' l-intimat, u dana billi l-istess Avviz huwa ligi debitament ippubblikata u quindi dejjem applikabbli.

Fil-kaz in ezami Elena Guseva giet sottoposta ghall-operazzjoni ghat-tnehhija ta' l-appendicite, li giet klassifikata bhala operazzjoni magguri, u damet rikoverata l-Isptar San Luqa ghal erbat ijiem bejn id-19 ta' Mejju 2005 u t-23 ta' Mejju 2005. Applikati r-rati stipulati fir-Regolamenti imsemmija, senjatament ir-rati stipulati fir-Regolament 3(1)(a) u (2)(d), ghal dawn il-fatti jirrizulta li l-valur tal-kura u servigi medici prestati lil Elena Guseva huwa ta' Lm1,440. Minn dan l-ammont ir-rikorrent già kien hallas depozitu ta' Lm30, b'dana li fadal bilanc ta' Lm1,410[7], liema bilanc però r-rikorrent qed jirrifjuta li jhallas in kwantu jikkontesta l-fondatezza tat-talba ghall-hlas.

Ir-rikorrenti jikkontesta l-ammont mitlub mill-intimat ghaliex skond hu: (i) il-kura u servigi medici prestati lil Elena Guseva bejn id-19 ta' Mejju 2005 u t-23 ta' Mejju 2005

[7] Affidavit Mariette Galea Ebejer, fol.27 tal-process.

kienu deplorevoli; (ii) l-ammont pretiz mill-intimat huwa ezagerat meta mqabbel mal-valur ta’ l-istess tip ta’ operazzjoni u kura fi sptar privat; (iii) l-operazzjoni esegwita fuq martu x’aktarx ma kenitx necessarja u fi kwalunkwe kaz din it-tip ta’ operazzjoni ma ghandhiex tigi klassifikata bhala wahda magguri; (iv) ma kienx hemm ghalfejn li Elena Guseva tinzamm erbat ijiem rikoverata l-Isptar; u ghaliex (v) ma kienx gie infurmat b’dawn l-ispejjez qabel ma giet esegwita l-operazzjoni fuq Elena Guseva.

Huwa jikkontendi li r-ragunijiet in bazi ghal liema jopponi ghat-talba ghall-hlas ta’ l-intimat, liema ragunijiet xehedu dwarhom hu u martu, jirrizultaw pruvati u gustifikati ghaliex ma gewx ribattuti u kontradetti mill-intimat. F’dan ir-rigward fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tieghu jghid: *sew l-esponent kif ukoll Elena Guseva, illum martu, xehdu (a fol. 12 u 13, 21 u 22) dwar is-servizz li gie prestat u li ghalih intalab il-hlas li jinsab kontestat. Jigi rilevat direttament illi l-lanjanzi li jirrisultaw mix-xhieda hekk moghtija, u mhux anqas kif artikolati bl-ittra li baghat l-esponenti lis-Suprintendent ta’ l-Isptar San Luqa (a fol. 16,17,18), bl-ebda mod ma gew ribattuti f’din il-kawza mill-intimat it-Tabib Principali tal-Gvern.*

Jikkontendi wkoll li l-intimat naqas milli jiggustifika b’mod konkret il-pretensjoni tieghu. Skond ir-rikorrent is-semplici ezistenza ta’ l-Avviz Legali 201 ta’ l-2004 ma hijiex sufficjenti biex il-kreditu pretiz mill-intimat jirrizulta gustifikat. Fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tieghu jikkontendi: *Il-fatt illi jezisti tali Avviz Legali ma jezonerax lill-intimat mill-obbligu legali tieghu li jiggustifika l-hlas li qed jigi pretiz. Ma ngieb l-ebda tabib jew kirurgu ta’ l-Isptar biex jissosstanzja li kienet mehtiega operazzjoni magguri fil-kaz ta’ mart l-esponent, kif hija miftehma mhux biss fil-lingwa tal-‘man in the street’, izda ukoll fil-lingwa medika. Ma kellhiex tkun Mariella Galea Ebejer li tiggustifika l-kreditu pretiz mill-intimat, anke jekk l-istess intimat jinsab privilegjat bil-procedura specjali li wasslet biex saret din il-kawza; izda kien, kif inghad l-obbligu ta’ l-intimat li jgib il-provi adegwati skond il-ligi in gustifikazzjoni tal-krediu*

*tieghu. Jekk fil-fatt il-kirurgija effettwata kenitx magguri o meno ai termini ta' l-Avviz Legali ma giex pruvat...*

Il-Qorti però ma taqbilx mar-rikorrent u hija tal-fehma li l-pretensjonijiet tieghu dwar fuq min jinkombi l-oneru tal-prova fil-proceduri odjerni huma guridikament zbaljata.

Fid-dawl tan-natura tal-proceduri in kwistjoni, istitwiti kif già inghad ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-oneru tal-prova indubbjament jinkombi principalment fuq ir-rikorrent u mhux fuq l-intimat. Barra minhekk fi kwalunkwe kaz japplika l-principju guridiku stabbilit fl-Artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li *l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*.

B'hekk biex it-talba ghall-hlas ta' l-intimat tigi dikjarata nfondata, huwa r-rikorrent li ghandu jipprova b'mod sodisfacenti li l-opposizzjoni tieghu ghat-talba ghall-hlas hija gustifikata u msejsa fuq ragunijiet fondati. Fil-fehma tal-Qorti però, ir-rikorrent ma rnexxilux jipprova l-kaz tieghu.

Ir-rikorrent jallega li l-kura u servigi medici prestati lil Elena Guseva kienu deplorevoli. Fost affarijiet ohra jilmenta mill-fatt illi meta marru d-dipartiment ta' l-emergenza ta' l-Isptar *we had to wait for 30mins in the waiting room, waiting to be attended to receive the first medical examination at door 1. We had to endure a further one hour in another waiting room before being admitted to a stall. Here much to our dismay and discomfort we had to wait for a further 30 min before a doctor could see to her. Again I have to stress that this was an urgent case. After this lengthy wait, the doctor started the necessary tests but a few minutes later things came to a halt since we had to endure the changing of staff shifts. When the second doctor arrived we had to answer the same questions all over again*[8].

Jkompli jghid illi *deherli li l-kont li rcevejt kien esagerat u lanqas ma kien gustifikat. Dana l-ghaliex meta morna l-*

[8] Dok. "MF2" a fol. 16 tal-process.

*isptar saru tlett testijiet minn tlett tobba differenti kollha ghall-istess haga. Barra minhekk sar ezami mill-lat gynecologista li irrizulta li kien fin-negattiv u filwaqt li l-operazzjoni kellha ssir fil-hdax, saret fis-saghtejn u nofs. Dana minbarra l-fatt illi l-operazzjoni qisha saret minghajr avviz. Gie tabib fuqna u qalilna li kien sejjer jopera*[9]. Jikkontendi li dan kollu kien *extremely worrying as we came to a point of not knowing who to trust or heed as regards advice. Some doctors said that more tests were to be done whereas this one insisted that the operation was to take place within five minutes of diagnosis*[10].

Ir-rikorrent jilmenta wkoll mill-kura u trattament post-operattiv li nghataw lil Elena Guseva u jikkontendi li l-istess Guseva ma gietx segwita u stmata kif jixraq. Jghid illi *meta harget minn fuq l-operazzjoni ma kien hemm hadd min jghina tqum minn fuq id-deck ghal fuq il-couch u qalulha semplicement "jump" u kelli nghina jien. Is-sodda kienet imqieghda go kuritur ma' genb bieb ta' gallarija maghluqa. Kull meta kienet titlob il-bdil tal-garza peress illi kienet tkun imtebba bid-demm dina ma kienetx issir, hlief wara hafna talbiet. Darba minnhom b'accident xi helper waqqa' tazza laring fuq is-sodda u tebba l-lizar. Ahna tlabna illi dan il-lizat jinbidel izda baqa' hemm tul l-erbat ijiem illi ghamilna l-isptar*[11].

Ghalkemm uhud minn dawn il-fatti ma gewx ribattuti mill-intimat, il-Qorti ma tqisx li l-istess huma gustifikazzjoni sufficjenti biex tigi opposta t-talba ghall-hlas ta' l-intimat.

Ghal dak li jirrigwarda l-allegat dewmien fid-dipartiment ta' l-emergenza, ir-rikorrent donnu ma japprezzax il-fatt li f'dan id-dipartiment, proprio ghaliex huwa id-dipartiment ta' l-emergenza ta' l-Isptar, jidhlu numru konsiderevoli ta' kazijiet ghall-assistenza medika li certament jistghu jkunu ta' l-istess natura urgenti u anke iktar urgenti mill-kaz ta' Elena Guseva. Jippretendi forsi r-rikorrent li ghaliex fic-cirkostanzi partikolari tieghu kellu jsir hlas ghas-servizz u kura prestati lil Elena Guseva, it-tobba u l-infirmiera tad-

---

[9] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2008, fol. 12 u 13 tal-process.
[10] Dok. "MF2" fol.16 tal-process.
[11] Fol.13 tal-process.

dipartiment ta’ l-emergenza kellhom jitilqu kollox minn idejhom u ma jkomplux jaraw l-pazjenti li già kellhom taht il-kura taghhom biex jaqdu lilu u lil martu immedjatament kif waslu fid-dipartiment ta’ l-emergenza!

Ghal dak li jirrigwarda t-testijiet esegwiti fuq Elena Guseva, fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent kien ikollu ragun jilmenta u jobbjetta ghall-hlas impost fuqu kieku ma gie esegwit ebda test fuq Elena Guseva u mhux ghaliex gew esegwiti diversi testijiet ghall-fini li jigi stabbilit x’kellha l-istess Guseva u x’intervent kellu jigi esegwit fuqha! Apparte dan ma jirrizultax li r-rikorrent gie mitlub ihallas iktar ghaliex gew esegwiti diversi testijiet, anke jekk allegatament ta’ l-istess natura, fuq Elena Guseva. Ai termini tar-Regolament 3(1)(a) ta’ l-Avviz 201 ta’ l-2004 ir-rata ghal sodda f’ward generali hi ta’ Lm110 kuljum u mill-affidavit ta’ Mariette Galea Ebejer jirrizulta li din ir-rata tinkludi, oltre l-akkomodazzjoni fis-sala, l-investigazzjoni tad- demm, X-Rays, ECG u konsultazzjoni. Mill-istess affidavit jirrizulta li r-rikorrent, oltre l-prezz ta’ l-operazzjoni, gie mitlub ihallas is-somma ta’ Lm110 kuljum ghall-akkomodazzjoni u investigazzjonijiet esegwiti, u cioè gie mitlub ihallas bir-rata stipulata fir-Regolament imsemmi.

Ghal dak li jirrigwarda l-allegata incertezza tat-tobba dwar jekk Elena Guseva kellhiex tigi sottoposta ghall-intervent kirurgiku biex titnehha l-appendicite jew inkella kellhomx isiru iktar accertamenti qabel dan l-itervent, li r-rikorrent jghid li inkwetathom mhux ftit, jigi osservat li mill-*case summary* ta’ Elena Guseva[12] jirrizulta li l-istess Elena Guseva tat il-kunsens taghha biex issir l-operazzjoni – tergo tal-fol.30 tal-process fejn l-*entry ‘consent signed’* giet markata bhala *yes* – u l-operazzjoni ghalhekk saret. Il-Qorti thoss illi kieku verament ir-rikorrent u Elena Guseva hassewhom daqshekk inkwetati bl-imgieba tat-tobba u hassew li ma setghux jafdaw l-opinjoni medika ta’ dak it-tabib li skond huma nsista li l-operazzjoni ssir, certament Elena Guseva ma kenitx tati l-kunsens taghha ghall-operazzjoni u l-istess operazzjoni ma kenitx issir.

---

12 Dok. 2 fol. 28 sa’ 45 tal-process.

In kwantu jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrent li in verità lanqas kien hemm ghalfejn li Elena Guseva tigi sottoposta ghall-operazzjoni ghat-tnehhija ta' l-appendicite, jinghad illi din l-istess allegazzjoni ma gietx debitament ippruvata.

Elena Fenech xehdet illi *after the operation I did go to my doctor. That was not the same doctor I had gone to in the first place who referred me to hospital and this doctor doubted how much I really needed this appendix operation*[13], izda *g*halkemm issir referenza ghal tabib li jpoggi fid-dubju l-analizi medika esegwita fuq Elena Guseva fl-Isptar San Luqa, dan l-istess tabib ma jissemmiex b'ismu u lanqas gie prodott bhala xhud biex jissosstanzja din l-allegazzjoni.

Fin-nuqqas tal-produzzjoni ta' dan it-tabib biex jispjega din l-allegata osservazzjoni tieghu, il-Qorti ma thossx li hemm raguni sufficjenti biex tiddubita mill-analizi medika esegwita mit-tobba ta' l-Isptar San Luqa, u dana iktar u iktar meta mill-atti processwali ma jirrizultax li Elena Fenech baqghet issofri mis-sintomi li dahlet tilmenta bihom l-Isptar jew li sahhitha iddeterjorat wara l-operazzjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat, il-Qorti thoss li ghal dak li jirrigwarda l-allegat trattament post-operattiv deplorevoli li nghata lil Elena Guseva – fost affarijiet ohra li ma sabitx ghajnuna wara l-operazzjoni u li thalliet f'sodda fil-kuridur meta kien hemm soddod vojta fil-*ward* – tinhtieg prova iktar konkreta mis-semplici deposizzjoni tar-rikorrent u ta' martu biex l-istess allegazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata. In effetti l-Qorti hija tal-fehma li l-ilmenti mressqa mir-rikorrent ma huma xejn ghajr skuzi fiergha biex jipprova jevita l-obbligu tal-hlas ghall-kura u servigi medici prestati lil Elena Guseva tul il-permanenza taghha fl-Isptar San Luqa.

Din il-fehma hija rafforzata mill-fatt li diversi allegazzjonijiet ohra sollevati mir-rikorrent irrizultaw ghal

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2008, fol. 22 tal-process.

kollox infondati mid-dokumenti esebiti fl-atti tal-kawza, fosthom anke dokumenti esebiti mir-rikorrent stess.

Ad esempju fost affarijiet ohra r-rikorrent jikkontendi li *l-operazzjoni giet deskritta bhala wahda magguri. Wiehed kien jippretendi li meta jsir hekk xi tabib jigi jinviztak kuljum, anke s-Sibt u l-Hadd, izda ma kienx qed isir hekk...*[14] Dak allegat mir-rikorrent però jinsab ghal kollox kontradett mill-*clinal notes* u *nursing report* relattivi ghal Elena Guseva esebiti mill-intimat a fol. 35 u 36 u fol. 42 tal-process. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta car li Elena Guseva giet invistata u baqghet *monitored* minn tobba u infirmiera tul il-permanenza kollha taghha fl-Isptar San Luqa, u ghalkemm mill-*clinical notes* jidher li ma gietx invistata minn tabib fit-22 ta' Mejju 2005 hija dakinhar xorta kienet *monitored* mill-infermiera kemm matul il-lejl kif ukoll matul il-gurnata.

Ir-rikorrent jikkontendi wkoll li huwa dubjuz kemm l-operazzjoni ghat-tnehhija ta' l-appendicite ghandha tigi klassifikata bhala operazzjoni magguri b'dana li tapplika ghaliha ir-rata ta' Lm1,000 stabbilita fir-Regolament 3(2)(d) ta' l-Avviz Legali 201 ta' l-2004. Din l-affermazzjoni però tinsab kontradetta mid-dokumenti esebiti ir-rikorrent stess, senjatament mill-istima mahruga mis-Saint James Hospital fejn hemm esplicitament iddikjarat li *the Appendicectomy Operation (OPCS code H0210) which you are due to undergo is classified as a Major Operation*[15].

Ir-rikorrent jghid ukoll illi r-rati applikati mill-intimat huma ezagerati meta paragunati ma' stimi li ottjena minghand zewg sptarijiet privati izda, din l-affermazzjoni wkoll ma hijiex korretta u dana jirrizulta mill-istess stimi msemmija.

Mid-dokument Dok. "MF3", li huwa l-istima mahruga mis-Saint James Hospital, jirrizulta valur totali ta' Lm964 ghal *appendicectomy operation,* izda din l-stima tikkwota r-rata ghal *one night accommodation* u mhux il-perijodu ta' erbat iljieli bhalma damet rikoverata Elena Guseva l-Isptar San

[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2003, fol. 13 tal-process.
[15] Dok. "MF3" a fol. 19 tal-process.

Luqa u l-valur ta’ *pre-operative investigations* mhux inkluz fis-somma kwotata izda jigu *billed* u jithallsu separatament.

L-istima mahruga mis-St. Mark’s Health Clinic, Dok. “MF4” esebit a fol. 20 tal-process, ukoll ma tikkostitwixxix prova konklussiva u sodisfacenti ta’ dak allegat mir-rikorrent fir-rigward tar-rati applikati mill-intimat u billi f’dan il-kaz ukoll hemm kwotata biss ir-rata ta’ *overnight stay* u ma jirrizultax li hemm inkluzi *pre-operative investigations* fil-*clinic fee* ta’ bejn Lm230 u Lm250.

Biex jipprova jissosstanzja l-allegazzjoni tieghu r-rikorrent jpoggi fid-dubju l-fatt kemm Elena Guseva realment kellha bzonn iddum rikoverata erbat ijiem meta skond hu *in private hospital discharge takes place the day after*[16]. Ghalkemm jissolleva din l-allegazzjoni r-rikorrent ma gab ebda prova in sostenn ta’ l-istess, ma ressaq ebda rapprezentat ta’ l-isptarijiet privati minnu msemmija biex jikkonfermaw li fil-fatt f’kaz ta’ *appendicectomy operation* il-pazjent verament jigi *discharged* l-ghada ta’ l-operazzjoni.

In fine r-rikorrent jghid ukoll li huwa qatt ma gie infurmat bl-ispejjez li kien ser ikollu jhallas ghall-kura u servigi medici prestati lil Elena Guseva. Fl-ittra tieghu lis-Supretendent ta’ l-Isptar San Luqa r-rikorrent jghid li *after being given the go-ahead for discharge on Monday 23rd May, I was lead to the billing section where I was presented with a bill of Lm1440, of which costs I have never known and told about priory*[17]. Hawn ukoll però l-Qorti ma tistax temmen dak allegat mir-rikorrent billi mid-dokument esebit a fol.26 tal-process jirrizulta li l-istess rikorrent intrabat *to pay the hospital bills incurred in favour of Elena Guseva.* Minn dan id-dokument jidher car li r-rikorrent kien jaf li kien ser ikollu jhallas ghall-kura u servigi medici prestati lil Elena Guseva tul il-permanenza taghha l-Isptar u ghalhekk kellu kull opportunità li jistaqsi dwar dawn l-ispejjez u ghal kemm setghu jitilghu. La kien hu li ma ndagax ulterjorment dwar l-ispejjez involuti ma

[16] Fol. 17 tal-process.
[17] Dok. “MF2” fol. 16 u 17 tal-process.

jistax illum jippretendi li ma jhallasx l-ammont pretiz mill-intimat.
In vista ta’ dan kollu ghalhekk, il-Qorti ma tqisx li r-ragunijiet moghtija mir-rikorrent in opposizzjoni ghat-talba ta’ l-intimat ghall-hlas tas-somma ta’ Lm1,410, illum ekwivalenti ghal €3,284.42, huma gustifikati u ghaldaqstant it-talba tieghu kif dedotta fir-Rikors ipprezentat fl-24 ta’ Mejju 2007 a tenur ta’ l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma tistax tirnexxi.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda tiddeciedi billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat, tichad it-talba tar-rikorrent u tiddikjara t-talba ta’ l-intimat fil-konfront tar-rikorrent ghall-hlas tas-somma ta’ Lm1,410, illum ekwivalenti ghal €3,284.42, avvanzata bl-ittra ufficjali datata 26 ta’ April 2007, mahruga a tenur ta’ l-Artikolu 466(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet, fattwalment u legalment fondata u gustifikata.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-rikorrent

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------